MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1321/2005

**Double R Meats Co. Limited**

**vs**

**O'Connor's (Malta) Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta' Gunju, 2005 fejn gie mitlub li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm925.77) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' laham lilha mibjugh u lilha kkonsenjat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju u mandat ta' sekwestru mahruga kontestwalment ma' l-Avviz, u bl-imghax kummercjali mis-6 ta' Lulju 2004, li hija d-data ta' l-ahhar konsenja, kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gewipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ disa’ mija u hamsa u ghoxrin lira u sebgha u sebghin centezmu (Lm925.77), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid u tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentati kontestwalment ma’ l-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------